MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 157/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat 15 ta’ April 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu kkuntrattaw separazzjoni konsenswali liema att ġie ppubblikat mill-kompjant Nutar Dottor Timothy Ellis fit-tmienja (8) ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kopja ta’ liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi skond dan il-kuntratt l-attriċi kellha tħallas lill-konvenut is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar bħala manteniment għall-ħames ulied minuri;

3. Illi fil-fatt l-attriċi ilha ma taħdem mis-sena elfejn u sebgħa (2007) meta għal sitt (6) ġimgħat kienet ħadmet bħala *'replacement'* fil-____________________;

4. Illi l-attriċi qed tagħmel dak kollu li tista' sabiex tipprova issib xogħol, u għalhekk qed tmur għal diversi intervisti, pero' għadha mingħajr impjieg;

5. Illi minkejja r-rabta kontrattwali, huwa ċar illi l-esponenti ma tistax tagħti dak illi ma għandhiex *nemo dat quod non habet*;

6. Illi għalkemm fil-liġi *l-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi,* kif jistipula l-artikolu 992(2) tal-Kap XVI, dan il-prinċipju, jgħallmu s-sentenzi, għandu dejjem ikun assoġġettat għal prinċipju ieħor ġenerali, fis-sens illi ħwejjeġ impossibbli ma jistgħu qatt ikunu l-oġġett ta' kuntratt, tirrikorri meta tirrikorri tali impossibbilta', skond il-prinċipju tal-*jus superveniens*;

7. Dak illi huwa impossibbli ma jistax isir bl-ebda mod. Il-prinċipju ta' *nemo ad impossibilia tenetur* li japplika għal dawn il-każijiet wassal għal diversi sentenzi fejn il-manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali ġie varjat mill-Qorti a bażi ta' dan il-prinċipju. (*"Walter Borg St. John vs Christine Borg St. John",* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 31 ta' Mejju 2002);

8. Il-Qorti tal-Appell qalet illi ... *jus superveniens ... Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-prinċipju għandu jkollu applikazzjoni aktar ampja f'kamp tal-liġi bħall-preżenti. Il-prinċipju ġenerali tal-alimenti huwa bbażat fuq il-meżżi tal-partijiet rispettivi. Dan l-istat huwa dak li ġie rifless fil-kuntratt konsenswali u huwa f'dan il-kuntest li għandu jkollu applikazzjoni dan il-prinċipju. ("Victoria Camilleri pro et nomine vs Mahmood Faraj Abdul Karim",* Qorti tal-Appell, 2 ta' Novembru 1994);

9. Illi r-rikorrenti ma taqlax paga kull xahar peress illi ma tistax issib xogħol bħalissa, u għalhekk tirreġistra mas-Servizzi Soċjali, b'liema meżż hi ma taqla' l-ebda somma ta' flus minħabba l-fatt illi qiegħda tirreġistra taħt l-iskema msemmija 'Part 2';

10. Illi in vista ta' dawn il-fatti, ir-rikorrenti ma tistax bħalissa tħallas ir-rata ta' manteniment kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni li hemm viġenti bejn il-partijiet;

11. Illi skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, ir-rikorrenti għandha aċċess liberu għall-ħamest itfal minuri li qiegħed jgħixu mal-konvenut, liema aċċess huwa marbut bil-kundizzjoni illi l-partijiet jagħtu almenu erbgħa u għoxrin (24) siegħa preavviż lill-parti l-oħra qabel dan l-aċċess, u li l-aċċess għandu jkun ta' minimu ta' tliet (3) siegħat (għal kull wild) fil-ġimgħa;

12. Illi kull meta r-rikorrenti tikkuntattja lill-konvenut sabiex isir ftehim għal dan l-aċċess, il-konvenut jew ma jirrispondihiex u jinjoraha għal kollox jew jivvinta xi skuża sabiex r-rikorrenti ma jkollhiex aċċess għal dawn it-tfal tagħha.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tvarja l-klawsoli 3A tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti B u A tat-tmienja ta' Awissu, elfejn u sebgħa (08/08/2007), u ċioe' tbiddel il-kontenut tal-klawsoli msemmija fis-sens illi tneħħi jew tnaqqas il-manteniment illi għandha tħallas A għat-tfal tagħha u tiffissa ammont ġdid u inferjuri għal dak miftiehem fil-kuntratt, dana minħabba tbiddil fiċ-ċirkostanzi illi issa jirrendih impossibbli illi r-rikorrenti tħallas il-manteniment kif patwit fil-kuntratt.

2. Tvarja l-klawsola 2C tal-istess kuntratt fis-sens illi jiġi ordnat li dan l-aċċess ma jibqax liberu iżda jkun iffissat tal-anqas għal tliet ijiem fil-ġimgħa għall-ħamest

itfal minuri, u tagħti kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' nġunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, preżentata fid-29 ta' Mejju 2009, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi l-attriċi tikkontribwixxi manteniment bażiku għall-ħamest uliedha fl-ammont globali ta' madwar mija u erbgħin ewro fix-xahar;

2. Illi mid-data tal-kuntratt fejn dan il-manteniment ġie miftiehem bejn il-partijiet ma kien hemm ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-attriċi li jiġġustifika tibdil fl-ammont ta' manteniment;

3. Illi l-attriċi tircievi nofs iċ-*'children's allowance'* allokat u konċess lilha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

4. Illi bl-ebda mod l-attriċi ma tikkontribwixxi għal manteniment ta' wliedha ħlief bil-pagament mensili ndikat hawn fuq.

5. Illi l-attriċi ma taħdimx *di sua sponte*, meta l-intimat jaħdem u jieħu ħsieb il-ħames uliedu li *di facto* jgħixu miegħu l-ħin kollu.

6. Illi it-talba tal-attriċi għal dawn ir-raġunijiet għandha tiġi miċħuda fit-total tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ippreżentat mill-attriċi;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tal-19 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia' ingħad l-attriċi qed titlob varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet u dan billi ma tibqax tenuta tħallas manteniment għall-minuri, u li l-aċċess tagħha għall-istess minuri jkun regolat u mhux liberu billi qed ikun hemm diversi diffikoltajiet biex hija jkollha dan l-aċċess.

Illi fir-rigward tal-manteniment, billi dan huwa stabbilit permezz ta' kuntratt, strettament ma jista' jkun hemm ebda varjazzjoni – ara sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell – **"Stephen Francica vs Mary Rose Francica"** deċiża fit-18 ta' Diċembru 2009. Huwa differenti meta l-manteniment ikun pagabbli permezz ta' sentenza. Kwindi *ut sic,* il-Qorti ma tistax tvarja l-kuntratt.

Illi madankollu l-attriċi għandha raġun illi l-*massima ad impossibilia nemo tenetur* ġie li ġiet adottata f'sitwazzjonijiet simili u dan billi l-Qorti naqqset il-manteniment (**"Victoria Camilleri et nomine vs Mahmood Faraj Abdul Kareem"** – 2 ta' Novembru 1994, jew addirittura ssospendiet l-obbligu tal-manteniment – **"Amelia Farrugia vs John Farrugia"** – 16 ta' Jannar 1996 – it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell). Dan dejjem jekk il-Qorti tkun konvinta li l-impossibbilta' li fiha jkun dak li jrid iħallas il-manteniment tkun ġenwina u mhux maħluqa minnu stess. F'dan il-każ il-Qorti tħoss li l-attriċi bħalissa mhix f'pożizzjoni li tħallas għaliex qed tgħix bil-benefiċċji soċjali u dan għaliex tilfet l-impjieg li kellha meta ġie pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni. Għalhekk il-Qorti filwaqt li ma tistax tvarja l-kuntratt kif qed titlob l-attriċi tista' tissospendi l-obbligu tagħha in kwistjoni kif se tagħmel. Madankollu se tordna li l-*allowance* tat-tfal tiġi perċepita mill-konvenut *stante* li t-tfal qegħdin jgħixu miegħu.

Illi jirriżulta ukoll anke mix-xhieda tal-funzjonarji tal-Aġenzija Appoġġ li l-attriċi qed ikollha problema biex ikollha aċċess għall-minuri u dan minhabba s-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Għalhekk se tilqa' t-talba tagħha biex l-aċċess ikun regolat u dan fl-interess tal-istess minuri.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tiddikjara sospiż l-obbligu tal-attriċi biex tħallas il-manteniment lill-konvenut għall-minuri b'effett immedjat iżda tordna biex ukoll b'effett immedjat il-ħlas tal-*allowance* tat-tfal tal-partijiet mid-Dipartiment Governattiv konċernat jitħallas lill-konvenut.**
**2. Tilqa' wkoll it-tieni talba u tordna li l-attriċi jkollha aċċess nhar ta' Sibt bejn is-1:00 pm u t-8:00 pm; it-tfal jinġabru u jittieħdu lura kif indikat fid-digriet tat-22 ta' Jannar 2010.**
**L-ispejjeż tal-kawza jinqasmu bejn il-partijiet f'ishma indaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------